# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Dicembru 2017**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 1047/2017/LSO**

**Raymond Galea (439365M)**

**vs**

**Joseph Lebrun (368258M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Raymond Galea (439365M) datat 15 ta' Novembru 2017 fejn espona :-

Illi l-esponent jippossjedi bi qbiela razzett maghruf bhala 'Ray Farm' b'erbat itmiem raba' fi Triq ir-Ramla, fil-limiti ta' Marsascala, gia limiti taz-Zejtun.

Illi ghaxar snin ilu, l-intimat kien kera, b'titolu ta' sullokazzjoni, minghand l-esponent r-raba' msemmi flimkien ma' parti mir-razzett. Din il-lokazzjoni intemmet fid-19 ta' Settembru 2017.

Illi permezz ta' ittra interpellatatorja datata 18 ta' Settembru 2017, l-esponent talab lill-intimat sabiex f' gheluq l-istess kirja jizgombra mir-raba' sullokat lilu u jirrilaxxah battal favur tieghu.

Illi madankollu, l-intimat baqa' inadempjenti u ghadu qed jokkupa sal-lum ir-raba' u l-parti tar-razzett imsemmija fi Triq ir-Ramla, limiti ta' Marsascala, abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi, sa fejn jaf l-esponent, l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba tieghu ghall-izgumbrament tieghu mill-fond 'Ray Farm' u mir-raba' li ghandu mieghu, fi Triq ir-Ramla, limiti ta' Marsascala, okkupati minnu kif fuq spjegat.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Konsegwentement, tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, jizgombra mill-fond 'Ray Farm' u mir-raba' li ghandu mieghu, fi Triq ir-Ramla, limiti ta' Marsascala, li huwa qieghed jokkupa abbuvizament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li jirrilaxxjahom liberi u vojta favur l-esponent attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-18 ta' Settembru 2017 kontra l-intimat, li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2017 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat in-nota tal-intimati *ai termini* tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 30 ta' Novembru 2017 a fol 23 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 5 ta' Dicembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Phyllis Aquilina ghall-attur

prezenti u Dr Joseph Camilleri ghall-konvenut prezenti. Xehed bil-gurament tieghu Joseph Lebrun, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika, li prezenta Dok JL1. Dr Phyllis Aquilina esebiet Dok RG1. Fuq talba ta' Dr Phyllis Aquilina, mhux opposta, il-Qorti awtorizzatha tirtira Dok RG1 u tipprezenta kopja awtentikata taghha.

Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kaz.

**Inghatat Sentenza:**

Ikkonsidrat li:

Billi fil-fehma ta' din il-Qorti l-intimat ma gabx l-ahjar prova kif kellu jgib in sostenn tal-oppozizzjoni tieghu ghat-talbiet tar-rikorrent, u li jirrizulta li t-terminu ta' ghaxar (10) snin moghti f'sullokkazzjoni illum gie tterminat definitivament;

U wara li qieset ir-ragunijiet mghotija fin-nota tal-intimat fuq in-natura tal-kawza odjerna, tqies li l-azzjoni mhix kawza ta' indoli petitorja, ossia *rei vindicatoria;*

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 167 *et sequens* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ser tghaddi biex tiddisponi mit-talbiet b'dan illi :

**Tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond u mir-raba' deskritti**

**fir-rikors promotur billi tqis li huwa m'ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi u tordnalu jirrilaxxjahom liberi u vojta favur l-attur, u dan fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.**

L-ispejjez jigu ssopportati mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**05 ta' Dicembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**05 ta' Dicembru 2017**